

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja verbali "ELECTRIC HIGHWAY" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 010655819

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' Marzu 2015, fil-Każ R 1442/2014-5

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tilqa' l-applikazzjoni għal trade mark tar-rikorrent sabiex tkun tista' ssir ir-reġistrazzjoni sħiħa ta' din it-trade mark;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Interpretazzjoni żbaljata tat-tifsira tat-trade mark f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Interpretazzjoni żbaljata tas-servizzi kkonċernati fil-klassi 39;
- It-tifsira tat-trade mark sostnuta mill-Bord tal-Appell fi kwalunkwe każ ma tiddekrivix is-servizzi;
- Applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Settembru 2015 – Huhtamaki u Huhtamaki Flexible Packaging Germany vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-530/15)**

(2015/C 406/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Huhtamaki Oyj (Espoo, il-Finlandja) u Huhtamaki Flexible Packaging Germany GmbH & Co.KG (Ronsberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Meyer-Lindemann, C. Graf York von Wartenburg u L. Titze, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

- tannulla l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015)4336 finali, tal-24 ta' Ġunju 2015, fil-Każ AT.39563 – Ippakkjar tal-ikel għall-bejgħ bl-immnut, sa fejn ġie deċiż li Huhtamaki Oyj kisret l-Artikolu 101 TFUE billi, matul il-perijodu indikat fl-Artikolu 1(2)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, ipparteċipat fi ksur uniku u kontinwu li kien jikkonsisti f'diversi ksur separati, fis-settur tat-trejs tal-fowm għall-ippakkjar tal-ikel għall-bejgħ l-immnut u li jkopri t-territorju ta' Spanja mill-bidu tal-ksur, u l-Portugall, mit-8 ta' Ġunju 2000; u

- tannulla l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015)4336 finali, tal-24 ta' Ġunju 2015, fil-Każ AT.39563 – Ippakkjar tal-ikel għall-bejgħ bl-imnut, sa fejn ġie deċiż li r-rikorrenti kisru l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 ŻEE billi pparteċipaw, għall-perijodi indikati fl-Artikolu 1(3)(c) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, fi ksur uniku u kontinwu li kien jikkonsisti f'diversi ksur separati, fis-settur tat-trejs tal-fowm u trejs riġidi għall-ippakkjar tal-ikel għall-bejgħ bl-imnut u li jkopri t-territorju tal-Belġju, tad-Danimarka, tal-Finlandja, tal-Ġermanja, tal-Lussemburgu, tal-Pajjiżi l-Baxxi, tan-Norveġja u tal-Isvezja; u
- tannulla l-Artikolu 1(5) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015)4336 finali, tal-24 ta' Ġunju 2015, fil-Każ AT.39563 – Ippakkjar tal-ikel għall-bejgħ bl-imnut, sa fejn ġie deċiż li Huhtamaki Oyj kisret l-Artikolu 101 TFUE billi pparteċipat, għall-perijodi indikati fl-Artikolu 1(5)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, fi ksur uniku u kontinwu li kien jikkonsisti f'diversi ksur separati, fis-settur tat-trejs tal-fowm għall-ippakkjar tal-ikel għall-bejgħ bl-imnut u li jkopri t-territorju ta' Franza; u
- tannulla l-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015)4336 finali, tal-24 ta' Ġunju 2015, fil-Każ AT.39563 – Ippakkjar tal-ikel għall-bejgħ bl-imnut, sa fejn dan jimponi multi fuq ir-rikorrenti li flimkien jammontaw għal EUR 10 806 000; u
- tannulla l-Artikolu 2(5) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015)4336 finali, tal-24 ta' Ġunju 2015, fil-Kawża AT.39563 – Ippakkjar tal-ikel għall-bejgħ bl-imnut, sa fejn dan jimponi multa ta' EUR 4 756 000 fuq Huhtamaki Oyj; u
- sussidjarjament, tnaqqas b'mod sostanzjali l-multi imposti fuq ir-rikorrenti; u
- fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċedura.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvolkaw erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur, mill-Kummissjoni, tal-Artikoli 101 TFUE u 53 ŻEE billi hija wettqet żbalji manifesti ta' fatt u ta' liġi, u kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, billi qieset li r-rikorrenti ħadu sehem f'attivitajiet b'rabta mat-trejs tal-fowm u mat-trejs riġidi fl-"Ewropa tal-Majjistral" fil-perijodu ta' bejn it-13 ta' Ġunju 2002 u l-20 ta' Ġunju 2006 li, meta wieħed iħares lejhom b'mod iżolat, jikkwalifikaw, rispettivament, bħala ksur separati tal-Artikoli 101(1) TFUE u 53 ŻEE.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur, mill-Kummissjoni, tal-Artikoli 101 TFUE u 53 ŻEE, billi hija wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni, u kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha billi qieset li r-rikorrenti pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu b'rabta mat-trejs tal-fowm u t-trejs riġidi fl-"Ewropa tal-Majjistral" matul il-perijodu ta' bejn it-13 ta' Ġunju 2002 u l-20 ta' Ġunju 2006.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur, mill-Kummissjoni, tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament, tal-Linji gwida tagħha stess għall-kalkolu tal-multi, u tal-obbligu ta' motivazzjoni, billi naqset millli tikkunsidra, meta ddeterminat il-multa/i li kellhom jiġu imposti fuq ir-rikorrenti, iċ-ċirkustanzi individwali li kienu jiġġustifikaw tnaqqis fil-multi imposti fuq ir-rikorrenti.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur, mill-Kummissjoni, tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 meta qieset lil Huhtamaki Ohy responsabbli b'mod konġunt u *in solidum*, bħala l-kumpannija holding ahharja u għaldaqstant bħala kumpannija parent indiretta, għall-parteċipazzjoni allegata ta' dawk li kienu s-sussidjarji indiretti tagħha (i) fi ksur uniku u kontinwu fis-settur tat-trejs tal-fowm għall-ippakkjar tal-ikel għall-bejgħ bl-innut fit-territorju ta' Franza mit-3 ta' Settembru 2004 sal-24 ta' Novembru 2005, u (ii) fi ksur uniku u kontinwu fis-settur tat-trejs tal-fowm għall-ippakkjar tal-ikel għall-bejgħ bl-innut fit-territorji ta' Spanja u tal-Portugall (flimkien imsejħa l-“Ewropa tal-Lbiċ”) mis-7 ta' Diċembru 2000 sat-18 ta' Jannar 2005. Huhtamaki Oyj ma eżerċitatx influwenza deċiżiva fuq Huhtamaki France SA jew fuq Huhtamaki Embalagens Portugal SA matul il-perijodi inkwistjoni.

## Rikors ippreżentat fil-11 ta' Settembru 2015 – Coveris Rigid (Auneau) France vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-531/15)

(2015/C 406/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Coveris Rigid (Auneau) France (Auneau, Franza) (rappreżentanti: H. Meyer Lindemann, C. Graf York von Wartenburg u L. Titze, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-Artikolu 1(5) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2014, C(2015)4336 finali, fil-Każ AT.39563 – Imballaġġ għall-ikel maħsub għall-bejgħ bl-innut, sa fejn dan jistabbilixxi li r-rikorrenti kisret l-Artikolu 101 TFUE billi pparteċipat, matul il-perijodu indikat fl-Artikolu 1(5)(d) tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, fi ksur uniku u kontinwat li jikkonstisti f'diversi istanzi ta' ksur fis-settur tat-tilari tal-ġablow li jservu bħala imballaġġ għall-ikel maħsub għall-bejgħ bl-innut li jkopri t-territorju Franċiż; u
- tannulla l-Artikolu 2(5) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2014, C(2015)4336 finali, fil-Każ AT.39563 – Imballaġġ għall-ikel maħsub għall-bejgħ bl-innut, sa fejn dan jimponi multa ta' EUR 4 756 000 fuq ir-rikorrenti; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni applikat b'mod żbaljat il-prinċipju ta' responsabbiltà personali billi żammet lil Coveris responsabbli għall-parteċipazzjoni fi ksur uniku u kontinwat fis-settur tat-tilari tal-ġablow għall-imballaġġ għall-ikel maħsub għall-bejgħ bl-innut fi Franza. Iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali tal-kawża kienu jiġġustifikaw approċċolistiku fir-rigward taż-żewġ partijiet ta' xiri mill-ġdid ta' ONO Packaging mill-impjegati tagħha jew, sussidjarjament, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' kontinwità ekonomika fir-rigward tal-parti ta' ċessjoni tal-attivi tat-tranżazzjoni. Abbażi ta' dan, Coveris ma setgħetx tinżamm responsabbli għall-ksur allegat.